IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.3.2022
COM(2022) 128 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U FINANZJARJU U LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI**

**Rapport dwar l-Istrument Ewropew għall-Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672**

**18-il xahar ta' SURE: it-tielet rapport biannwali**

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

**Dan ir-rapport huwa t-tielet rapport biannwali dwar l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE).** Dan jikkonferma s-sejbiet deskritti fir-rapporti preċedenti u jippreżenta l-operazzjonijiet u l-użu tal-istrument sal-lum u jirrieżamina l-impatti soċjoekonomiċi tiegħu. SURE huwa strument għall-kriżi, b'daqs ta' EUR 100 biljun, li ħolqitu l-Unjoni Ewropea (UE) biex tgħin lill-Istati Membri jipproteġu l-impjiegi u l-introjti tal-ħaddiema fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. SURE huwa wkoll espressjoni qawwija ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri permezz tal-UE: l-Istati Membri kollha qablu li jipprovdu garanziji bilaterali lill-UE sabiex l-Unjoni tkun tista' tissellef mis-swieq b'kundizzjonijiet favorevoli ħafna biex tiffinanzja s-self ta' SURE.

*Strument ġdid stabbilit malajr bħala reazzjoni għall-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija*

**L-implimentazzjoni tal-istrument kienet rapida u bla xkiel u kważi l-EUR 94 biljun kollha ta' assistenza finanzjarja ta' SURE mogħtija issa ġew żborżati lil 19-il Stat Membru.** Bħala parti mir-rispons inizjali tal-UE għall-pandemija, il-Kummissjoni pproponiet ir-Regolament SURE fit-2 ta' April 2020, u r-Regolament kien adottat mill-Kunsill fid-19 ta' Mejju 2020. Il-pakkett finanzjarju ta' EUR 100 biljun sar disponibbli fit-22 ta' Settembru 2020, wara li l-Istati Membri kollha ffirmaw il-ftehimiet ta' garanzija. Il-Kummissjoni ħaffet l-implimentazzjoni tal-istrument billi ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-assistenza finanzjarja mogħtija ġiet żborżata f'seba' xhur biss, minn Ottubru 2020 sa Mejju 2021.

**L-UE ħarġet bonds soċjali għall-ewwel darba biex tiffinanzja l-assistenza finanzjarja ta' SURE lill-Istati Membri.** Minbarra r-rekwiżiti tar-Regolament SURE, dan ir-rapport jipprovdi wkoll ir-rapportar rilevanti taħt il-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE, u jikkonferma mill-ġdid li l-infiq ta' SURE kien allinjat tajjeb mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

*L-użu kontinwu ta' SURE mill-Istati Membri benefiċjarji*

**Dan ir-rapport jikkonferma l-istima preċedenti li fl-2020 SURE kopra madwar 31 miljun persuna u 2 miljuni u nofs ditta.** Dan jirrappreżenta kważi 30 % tal-impjiegi totali u kwart tad-ditti totali fl-Istati Membri benefiċjarji. Id-ditti żgħar kienu l-benefiċjarji primarji tal-appoġġ ta' SURE. L-aktar setturi appoġġati kienu l-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, u l-manifattura, filwaqt li ħafna Stati Membri appoġġaw ukoll aktar setturi b'miżuri mmirati.

**SURE kompla jipproteġi l-impjiegi matul l-irkupru mhux uniformi fl-2021, u appoġġa madwar 3 miljun persuna u aktar minn 400 elf ditta.** In-nefqa pubblika fuq miżuri eliġibbli għal SURE kompliet tirrifletti b'mod wiesa' s-sitwazzjoni epidemjoloġika. In-nefqa pubblika aggregata ta' SURE fl-2021 irriżultat li kienet EUR 3 biljun ogħla milli mistenni fiż-żmien tar-rapportar preċedenti f'Ġunju 2021, li jirrifletti l-mewġiet sussegwenti tal-pandemija. Għalkemm l-użu ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar naqas mill-ogħla livell tiegħu fl-2020, dan baqa' sostanzjali fl-2021.

**F'Jannar 2022, Stat Membru partikolari ingħata assistenza finanzjarja addizzjonali, filwaqt li Stat ieħor emenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiegħu biex tinkludi miżuri addizzjonali**. L-Ungerija rċeviet appoġġ supplimentari ta' EUR 147 miljun biex testendi l-miżuri eżistenti u tiffinanzja waħda ġdida. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni oriġinali tal-Kunsill tal-Portugall ġiet emendata biex tinkludi tliet miżuri addizzjonali, li ppermettew lill-Portugall jassorbi l-ammont sħiħ ta' assistenza finanzjarja diġà mogħtija f'Settembru 2020.

**Issa seħħet kważi n-nefqa pubblika totali kollha ppjanata taħt SURE.** In-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE issa hija mistennija li tilħaq EUR 118-il biljun. Dan jaqbeż sew l-assistenza finanzjarja totali mogħtija (EUR 94 biljun), peress li għadd ta' Stati Membri nefqu, jew ippjanaw li jonfqu, aktar fuq miżuri eliġibbli mill-ammont tal-assistenza finanzjarja mitluba. Dan juri r-rilevanza kbira tal-miżuri appoġġati minn SURE mill-perspettiva tal-Istati Membri. Aktar minn nofs in-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE tkopri skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. In-natura anċillari tan-nefqa relatata mas-saħħa, li tirrappreżenta biss 5 % tan-nefqa totali, ġiet ikkonfermata għal darb'oħra.

**L-assorbiment tal-assistenza finanzjarja ta' SURE huwa għoli għall-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri.** Dan għadu baxx ħafna fi Stat Membru wieħed biss u taħt monitoraġġ mill-qrib f'ieħor. Fir-Rumanija, id-distakk wiesa' ta' assorbiment identifikat fl-ewwel u fit-tieni rapport – tliet kwarti tal-ammont mogħti mill-Kunsill – għadu ġeneralment l-istess. Fil-Polonja, hemm distakk moderat fl-assorbiment minħabba nfiq aktar baxx milli mistenni fuq miżuri eliġibbli għal SURE, filwaqt li l-ebda distakk ma ġie identifikat fir-rapportar nazzjonali użat fit-tieni rapport. In-nefqa totali fil-Polonja hija taħt l-ammont mogħti mill-Kunsill taħt SURE, filwaqt li tibqa' ogħla mill-ammont diġà żborżat. Ir-riskju ta' assorbiment identifikat fil-Portugall u f'Ċipru fit-tieni rapport ma għadux problematiku.

*Valutazzjoni aġġornata tal-impatt ta' SURE*

**Dan ir-rapport jikkonferma l-istima tar-rapport preċedenti li l-miżuri ta' appoġġ għall-politika, inkluż SURE, effettivament impedixxew li 1,5 miljun persuna jispiċċaw bla xogħol fl-2020.** Iż-żieda fil-qgħad fl-2020 fl-Istati Membri benefiċjarji kienet moderata, minkejja t-tnaqqis kbir fl-output ekonomiku, u ferm aktar baxx milli mistenni. Dan inkiseb billi l-impjegati nżammu fid-ditti tagħhom u billi nżammet l-attività tal-ħaddiema għal rashom. Bħala fattur addizzjonali, SURE għen ukoll biex tittejjeb il-fiduċja ġenerali madwar l-UE, li ġie kkonfermat minn stħarriġ riċenti tal-Ewrobarometru li fih SURE rċieva appoġġ wiesa' miċ-ċittadini tal-UE. Kif ġie rrapportat fit-tieni rapport biannwali, huwa stmat ukoll li l-Istati Membri ffrankaw total ta' EUR 8,2 biljun fuq pagamenti tal-imgħax billi rċevew assistenza finanzjarja permezz ta' SURE.

**Meta wieħed iħares 'il quddiem, il-protezzjoni tal-impjiegi fl-ewwel sentejn tal-pandemija kienet qed tappoġġa rkupru aktar rapidu milli wara kriżijiet preċedenti.** Fl-2022, l-irkupru huwa previst li se jikkumpensa aktar minn biżżejjed it-telf tal-PDG imġarrab matul il-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk se jaqbeż b'mod sinifikanti l-pass tal-irkupru li seħħ wara l-kriżi finanzjarja globali u wara l-kriżi taż-żona tal-euro, meta l-PDG baqa' ferm taħt il-livell ta' qabel

il-kriżi tiegħu sentejn wara li faqqgħu dawn il-kriżijiet. SURE kkontribwixxa għal dan billi ffinanzja skemi li jippermettu lid-ditti jżommu l-impjegati u l-ħiliet, u li jgħinu lil ħaddiema għal rashom biex ikunu lesti biex jerġgħu jibdew l-attivitajiet tagħhom.

*Il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw SURE*

**Għad hemm inċertezza kbira fil-perspettiva ekonomika minħabba n-natura imprevedibbli tal-pandemija – li minħabba fiha nħoloq SURE – u s-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tevolvi fl-Ukrajna.** Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE evitaw l-introduzzjoni mill-ġdid ta' miżuri ta' konteniment stretti u ġenerali matul ix-xitwa u matul il-mewġa tal-Omicron, għalkemm ċerti setturi baqgħu partikolarment affettwati mir-restrizzjonijiet. L-inċertezza dwar il-virus u l-varjanti ġodda potenzjali tibqa' għolja. Il-momentum tat-tkabbir li kien qed jiżdied fl-2021 naqas lejn l-aħħar tas-sena, u l-invażjoni tal-Ukrajna żiedet l-inċertezza ekonomika.

**Il-miżuri ta' politika biex jittaffew l-impatti tal-pandemija saru dejjem aktar immirati biex jiffaċilitaw l-irkupru u kienu appoġġati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.** Peress li SURE jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022 u sal-lum għadhom disponibbli EUR 5,6 biljun, l-assistenza finanzjarja taħt l-istrument tista' tkompli tingħata biex tindirizza disturbi ekonomiċi severi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19.

*Informazzjoni dwar sistemi nazzjonali ta' awditjar u ta' kontroll*

**Dan ir-rapport jintroduċi eżami tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll u ta' awditjar kif irrapportati mill-Istati Membri, skont ir-Regolament SURE, biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-assistenza finanzjarja ta' SURE.** B'mod separat mis-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-użu xieraq tal-fondi fil-livell nazzjonali, jipprevjenu l-irregolaritajiet u l-frodi, u jirkupraw fondi użati ħażin, f'konformità mar-Regolament SURE u mal-ftehimiet ta' self bilaterali. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom is-sistemi meħtieġa fis-seħħ biex jirrispettaw dan l-obbligu, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar is-sistemi nazzjonali ta' kontroll u ta' awditjar rilevanti għal SURE. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor l-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri benefiċjarji kollha.

**L-istruttura istituzzjonali tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll u ta' awditjar tvarja ħafna fost l-Istati Membri.** Fi kważi l-Istati Membri kollha, l-istituzzjonijiet li jwettqu l-kontroll u l-awditjar tal-miżuri appoġġati minn SURE kienu diġà fis-seħħ qabel il-pandemija tal-COVID-19. Fi Stat Membru wieħed, ġew stabbiliti istituzzjonijiet ġodda speċifikament għall-miżuri appoġġati minn SURE. Fi Stat Membru ieħor, ġew stabbiliti sistemi ġodda ta' awditjar u ta' kontroll għal miżura partikolari waħda biss, minbarra dawk eżistenti.

**L-Istati Membri benefiċjarji kollha wettqu kontrolli biex jipprevjenu l-użu ħażin tal-assistenza finanzjarja ta' SURE.** Fl-Istati Membri kollha għajr wieħed, il-kontrolli u l-awditi identifikaw xi każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi. L-Istati Membri rrapportaw tipi simili ta' irregolaritajiet jew frodi u l-Istati Membri kollha ddokumentaw il-ħidma tagħhom. Tlettax-il Stat Membru ħadu azzjoni legali biex jirkupraw fondi użati ħażin. F'xi Stati Membri, il-fondi ġew irkuprati mingħajr azzjoni legali.

## INTRODUZZJONI

**Dan ir-rapport huwa t-tielet rapport biannwali dwar l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE).** SURE nħoloq mill-Unjoni Ewropea (UE) f'Mejju 2020 biex jgħin lill-Istati Membri jipproteġu l-impjiegi u l-introjtu tal-ħaddiema matul il-pandemija tal-COVID-19[1]. Dan jipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri li jitolbuha, fl-għamla ta' self b'kundizzjonijiet favorevoli. SURE jipprovdi assistenza finanzjarja sa massimu ta' EUR 100 biljun biex tgħin fil-finanzjament tal-iskemi tal-Istati Membri ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili li għandhom l-għan li jipproteġu lill-impjegati u lil ħaddiema għal rashom, u bħala anċillari, ta' miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

**Dan ir-rapport biannwali huwa obbligu legali.** Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, il-Kummissjoni) adottatu f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (ir-Regolament SURE)[2] biex twettaq l-obbligu tagħha li tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) u lill-Kumitat tal-Impjiegi[3]. Ir-rapport li jmiss se jkun mistenni sa tmiem Settembru 2022. Id-data limitu għall-inklużjoni tal-informazzjoni f'dan ir-rapport kienet is-7 ta' Frar 2022 għar-rapportar mill-Istati Membri u s-6 ta' Marzu 2022 għad-*data* epidemjoloġika u ekonomika[4].

**Dan ir-rapport jikkonferma mill-ġdid, skont is-sitwazzjoni f'Jannar 2022, il-valutazzjonijiet pożittivi ta' SURE ppreżentati fl-ewwel żewġ rapporti biannwali. Is-sejbiet ewlenin tiegħu jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:**

- Fl-2020, huwa stmat li SURE kopra madwar 31 miljun persuna u 2,5 miljun ditta.
- Fl-2021, SURE kopra 3 miljun persuna u aktar minn 400 elf ditta fi 13-il Stat Membru.
- Fl-2020, il-miżuri nazzjonali għas-suq tax-xogħol appoġġati minn SURE huma stmati li għenu b'mod effettiv biex jiġi evitat il-qgħad għal kważi 1,5 miljun persuna fl-2020;
- 19-il Stat Membru talbu u ngħataw assistenza finanzjarja taħt SURE.
- Fost dawn, seba' Stati Membri ngħataw appoġġ supplimentari addizzjonali mill-Kunsill; l-aħħar Stat kien l-Ungerija f'Jannar 2022.
- Ġew allokati aktar minn EUR 94 biljun u ġew żborżati kważi EUR 90 biljun.

---

[1] SURE isegwi mil-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni għall-2019–2024, li pproponew Skema Ewropea ta' Riassigurazzjoni tal-Benefiċċju tal-Qgħad biex tipproteġi liċ-ċittadini Ewropej u tnaqqas il-pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi matul xokkijiet esterni. Wara t-tifqigħa tal-virus tal-COVID-19 fl-Ewropa, dan ġie stabbilit abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2020.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1 (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020R0672&from=mt).

[3] Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-użu tal-assistenza finanzjarja, inkluż ammonti pendenti u l-iskeda ta' ripagamenti applikabbli taħt SURE, u dwar il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tar-Regolament SURE (il-pandemija tal-COVID-19).

[4] It-tabelli ta' rapportar kollha ġew inizjalment sottomessi sas-26 ta' Jannar 2022 u l-kwestjonarji tal-awditjar sas-7 ta' Frar 2022 (għajr il-Latvja, li ppreżentat il-kwestjonarju fil-15 ta' Frar 2022). Barra minn hekk, saru xi kjarifiki żgħar ta' *data* wara din id-data.

- L-Istati Membri allokaw aktar minn nofs l-assistenza finanzjarja taħt SURE biex jappoġġaw skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u aktar minn 40 % minnha biex jappoġġaw miżuri simili, inkluż kważi terz tal-assistenza totali għal miżuri għal ħaddiema għal rashom.
- Il-miżuri relatati mas-saħħa ġew allokati 5 %, li huma "anċillari" f'konformità mar-Regolament SURE.
- L-assorbiment tal-assistenza finanzjarja ta' SURE huwa għoli għal 17 mid-19-il Stat Membru.
- L-assorbiment għadu baxx ħafna fi Stat Membru wieħed u mmonitorjat mill-qrib f'ieħor[5]. L-assorbiment ma għadux problematiku fiż-żewġ Stati Membri l-oħra identifikati fir-rapport biannwali preċedenti.
- L-Istati Membri kollha wettqu kontrolli biex jipprevjenu l-użu ħażin tal-assistenza finanzjarja ta' SURE. Fl-Istati Membri kollha għajr wieħed, il-kontrolli u l-awditi identifikaw każijiet ta' irregolaritajiet u frodi.
- Apparti l-benefiċċji soċjali u tal-impjieg, huwa stmat li l-Istati Membri ffrankaw EUR 8,2 biljun f'pagamenti tal-imgħax[6].
- Għad fadal aktar minn EUR 5 biljun disponibbli taħt SURE sa tmiem l-2022, li jistgħu jintużaw biex ikomplu jindirizzaw it-tfixkil ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19.
- Minbarra dawn is-sejbiet, l-Ewrobarometru ppubblikat f'Diċembru 2021 jindika li 82 % tal-Ewropej iqisu li s-self ta' SURE kien idea tajba.

**Dan ir-rapport jaġġorna l-informazzjoni li tinsab fl-ewwel żewġ rapporti biannwali dwar SURE u jestendi l-analiżi f'xi oqsma.** Huwa jkopri l-iżviluppi istituzzjonali mid-data limitu tat-tieni rapport fil-bidu ta' Settembru 2021, inkluż l-għoti ta' assistenza finanzjarja addizzjonali lill-Ungerija u l-emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (CID) għall-Portugall biex jinkludi miżuri eliġibbli addizzjonali mingħajr ma nbidel l-ammont ta' assistenza finanzjarja. L-analiżi fir-rapporti preċedenti, b'mod partikolari dwar in-nefqa pubblika mill-Istati Membri koperti minn SURE, ġiet aġġornata – abbażi ta' rapportar biannwali pprovdut mill-Istati Membri f'Jannar 2022 – u fuq l-impatt stmat ta' SURE – abbażi tal-aktar ċifri makroekonomiċi riċenti. Hija tibni fuq l-analiżi tal-kopertura ta' SURE tal-impjegati, tal-ħaddiema għal rashom u tad-ditti billi tqis l-iżviluppi fl-2021. B'mod importanti, u f'konformità mar-Regolament SURE u l-ftehimiet ta' self bilaterali, dan ir-rapport jintroduċi eżami tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll u ta' awditjar stabbiliti fl-Istati Membri biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-assistenza finanzjarja ta' SURE.

**Dan ir-rapport jirrieżamina l-użu tal-istrument SURE sal-lum u janalizza l-impatti soċjoekonomiċi tiegħu.** Huwa strutturat f'sitt taqsimiet. It-Taqsima I tiddeskrivi l-assistenza finanzjarja mogħtija lill-Istati Membri, inklużi l-ammonti żborżati u pendenti, u l-iskeda ta' ripagament korrispondenti. It-Taqsima II tiġbor fil-qosor in-nefqa pubblika totali tal-Istati

[5] Hawn l-assorbiment huwa definit bħala l-punt sa fejn Stat Membru jonfoq il-finanzjament li ngħata mill-Kunsill fuq miżuri eliġibbli. Ir-Rumanija għandha livell baxx ħafna ta' assorbiment filwaqt li dak tal-Polonja jinsab taħt monitoraġġ mill-qrib.
[6] Din iċ-ċifra hija l-istess bħal dik fit-tieni rapport ta' SURE peress li sadanittant ma kien hemm l-ebda żborż ġdid.

Membri fuq miżuri nazzjonali appoġġati minn SURE[7]. It-Taqsima III taġġorna l-valutazzjoni inizjali tal-impatt ta' SURE pprovduta fir-rapporti preċedenti. It-Taqsima IV teżamina l-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw il-kontinwazzjoni ta' SURE. It-Taqsima V tirrapporta dwar is-sistemi nazzjonali ta' kontroll u ta' awditjar. Fl-aħħar nett, it-Taqsima VI tipprovdi r-rapportar rilevanti li ttieħed l-impenn li jsir skont it-Taqsima 2.4 tal-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE, li ġie integrat f'dan ir-rapport[8].

## I. L-UŻU TAL-ASSISTENZA FINANZJARJA TAĦT SURE: L-AMMONTI MOGĦTIJA U ŻBORŻATI U ASPETTI FINANZJARJI OĦRA

*1.1 Ħarsa ġenerali lejn l-Istati Membri benefiċjarji u l-ammonti mogħtija*

**F"Jannar 2022, Stat Membru wieħed li diġà kien qed jibbenefika minn SURE, l-Ungerija, ingħata assistenza finanzjarja addizzjonali.** F'Diċembru 2021, l-Ungerija talbet appoġġ supplimentari ta' EUR 147 miljun wara li l-pandemija reġgħet żdiedet aktar kmieni fis-sena, li ngħata mill-Kunsill fil-25 ta' Jannar 2022 abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2021[9]. Dan iġib l-ammont totali tal-assistenza finanzjarja ta' SURE mogħtija għal EUR 94,4 biljun (ara t-Tabella 1).

**Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn l-appoġġ li ngħata permezz ta' SURE (EUR)**

| *Stat Membru* | *Ammont Totali Mogħti ** | *Li minnhom Ammont* | *Ammont Żborżat** | *Ammont Pendenti* |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 8 197 530 000 | 394 150 000 | 8 197 000 000 | 0 |
| Il-Bulgarija | 511 000 000 | 0 | 511 000 000 | 0 |
| Ċipru | 603 770 000 | 124 700 000 | 603 000 000 | 0 |
| Iċ-Ċekja | 2 000 000 000 | 0 | 2 000 000 000 | 0 |
| Il-Greċja | 5 265 000 000 | 2 537 000 000 | 5 265 000 000 | 0 |
| Spanja | 21 324 820 449 | 0 | 21 324 000 000 | 0 |
| Il-Kroazja | 1 020 600 000 | 0 | 1 020 000 000 | 0 |
| L-Italja | 27 438 486 464 | 0 | 27 438 000 000 | 0 |
| Il-Litwanja | 957 260 000 | 354 950 000 | 957 000 000 | 0 |
| Il-Latvja | 305 200 000 | 112 500 000 | 305 000 000 | 0 |
| Malta | 420 817 000 | 177 185 000 | 420 000 000 | 0 |
| Il-Polonja | 11 236 693 087 | 0 | 8 236 000 000 | 3 000 000 000 |
| Il-Portugall | 5 934 462 488 | 0 | 5 411 000 000 | 523 000 000 |
| Ir-Rumanija | 4 099 244 587 | 0 | 3 000 000 000 | 1 099 000 000 |
| Is-Slovenja | 1 113 670 000 | 0 | 1 113 000 000 | 0 |
| Is-Slovakkja | 630 883 600 | 0 | 630 000 000 | 0 |
| L-Ungerija | 651 470 000 | 147 140 000 | 504 000 000 | 147 000 000 |
| L-Irlanda | 2 473 887 900 | 0 | 2 473 000 000 | 0 |

[7] It-Taqsimiet I u II huma relatati mal-użu tal-assistenza finanzjarja taħt SURE skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament SURE.

[8] https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/eu-borrower/eu-borrowing-activities/eu-sure-social-bond-framework_en

[9] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/98 tal-25 ta' Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1561 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Ungerija biex ittaffi r-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 17, 26.1.2021, p. 42.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L-Estonja | 230 000 000 | 0 | 230 000 000 | 0 |
| **Total** | **94 414 795 575** | **3 847 625 000** | **89 637 000 000** | **4 769 000 000** |

*Fl-implimentazzjoni tal-iżborżi, l-ammonti mogħtija ġew aġġustati 'l isfel għal għanijiet operazzjonali.

*1.2 Żborżi, ammont pendenti u skeda tar-ripagamenti applikabbli*

**Sa Frar 2022, kważi EUR 90 biljun ta' assistenza finanzjarja ta' SURE ġew żborżati lil 19-il Stat Membru** (ara t-Tabella 1). Dan jirrappreżenta 95 % tal-assistenza finanzjarja totali ta' SURE mogħtija mill-Kunsill lill-Istati Membri. Minbarra l-pagament supplimentari riċenti mogħti lill-Ungerija, għad hemm ammont relattivament żgħir ta' fondi li għad iridu jiġu żborżati, li ddewmu jew fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati jew sakemm jiġi żgurat l-assorbiment tal-fondi. L-ammont totali pendenti għall-iżborż jirrappreżenta inqas minn EUR 5 biljun. Aktar dettalji dwar it-tranżazzjonijiet u l-iżborżi ta' SURE lill-Istati Membri huma rrapportati fit-Tabella A1 fl-Anness.

**L-iskeda aggregata tar-ripagamenti tas-self pendenti ta' SURE hija ppreżentata hawn taħt.** It-Tabella 2 tindika l-ammont totali ta' kapital li jrid jitħallas lura u l-pagamenti tal-imgħax għal kull sena.

**Il-maturità medja tal-iżborżi lill-Istati Membri hija ta' 14,5 snin.** Dan huwa qrib il-massimu ta' 15-il sena pprovdut mis-CIDs rispettivi.

**Tabella 2: Skeda tar-Ripagamenti tas-self pendenti ta' SURE tal-UE**

| Sena kalendarja | Kapital | Imgħax | Total SURE |
|---|---|---|---|
| 2021 | | 35 480 000 | 35 480 000 |
| 2022 | | 111 110 000 | 111 110 000 |
| 2023 | | 122 500 000 | 122 500 000 |
| 2024 | | 122 500 000 | 122 500 000 |
| 2025 | 8 000 000 000 | 122 500 000 | 8 122 500 000 |
| 2026 | 8 000 000 000 | 122 500 000 | 8 122 500 000 |
| 2027 | | 122 500 000 | 122 500 000 |
| 2028 | 10 000 000 000 | 122 500 000 | 10 122 500 000 |
| 2029 | 8 137 000 000 | 122 500 000 | 8 259 500 000 |
| 2030 | 10 000 000 000 | 122 500 000 | 10 122 500 000 |
| 2031 | | 122 500 000 | 122 500 000 |
| 2032 | | 122 500 000 | 122 500 000 |
| 2033 | | 122 500 000 | 122 500 000 |
| 2034 | | 122 500 000 | 122 500 000 |
| 2035 | 8 500 000 000 | 122 500 000 | 8 622 500 000 |
| 2036 | 9 000 000 000 | 122 500 000 | 9 122 500 000 |
| 2037 | | 104 500 000 | 104 500 000 |
| 2038 | | 104 500 000 | 104 500 000 |
| 2039 | | 104 500 000 | 104 500 000 |
| 2040 | 7 000 000 000 | 104 500 000 | 7 104 500 000 |
| 2041 | | 97 500 000 | 97 500 000 |
| 2042 | | 97 500 000 | 97 500 000 |
| 2043 | | 97 500 000 | 97 500 000 |
| 2044 | | 97 500 000 | 97 500 000 |
| 2045 | | 97 500 000 | 97 500 000 |
| 2046 | 5 000 000 000 | 97 500 000 | 5 097 500 000 |
| 2047 | 6 000 000 000 | 75 000 000 | 6 075 000 000 |
| 2048 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2049 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2050 | 10 000 000 000 | 30 000 000 | 10 030 000 000 |
| **Total** | **89 637 000 000** | **3 029 590 000** | **92 666 590 000** |

## II. L-UŻU TAL-ISTRUMENT SURE: NEFQA PUBBLIKA U MIŻURI NAZZJONALI KOPERTI MIX-SURE

Din it-taqsima tiffoka fuq l-użu tal-politika tal-istrument. B'mod aktar speċifiku, din tiġbor fil-qosor in-nefqa pubblika mill-Istati Membri koperti minn jew eliġibbli għal SURE u n-natura tal-miżuri nazzjonali. Tippreżenta wkoll l-għadd ta' impjegati u ditti appoġġati minn SURE.

*2.1 Nefqa pubblika effettiva u ppjanata appoġġata minn SURE*

2.1.1 Monitoraġġ tan-nefqa pubblika fuq miżuri eliġibbli

**Ir-rapportar biannwali mill-Istati Membri benefiċjarji jintuża għall-monitoraġġ tal-użu ppjanat u effettiv tal-assistenza finanzjarja mogħtija taħt SURE[10].** Ir-rapportar meħtieġ jinkludi l-allokazzjoni tan-nefqa pubblika għall-miżuri koperti minn SURE (u l-kopertura tal-impjegati u d-ditti b'dawk il-miżuri, kif irrapportat fit-Taqsima 2.3). Kien hemm erba' sensiliet ta' dan ir-rapportar sa issa: f'Awwissu 2020 ("rapportar inizjali"), f'Jannar–Frar 2021 ("l-ewwel rapport"), f'Ġunju 2021 ("it-tieni rapport") u f'Jannar 2022 ("l-aktar rapportar riċenti"). L-informazzjoni dwar miżuri li huma eliġibbli għal SURE hija ppreżentata *kif irrapportata mill-Istati Membri*. Xi Stati Membri ssupplimentaw l-appoġġ ta' SURE b'finanzjament nazzjonali jew b'fondi strutturali tal-UE, u b'hekk in-nefqa tista' taqbeż l-ammont appoġġat minn SURE. Ir-rapportar jiffaċilita l-kejl tal-assorbiment tal-assistenza finanzjarja taħt SURE, imqabbel mal-ammont mogħti mill-Kunsill.

**Issa ġiet implimentata kważi n-nefqa pubblika totali kollha ppjanata taħt SURE.** Ir-Regolament SURE jippermetti li l-assistenza finanzjarja tintuża għal żidiet ippjanati fin-nefqa pubblika fuq miżuri koperti minn SURE. 98 % tan-nefqa pubblika totali ppjanata fuq miżuri eliġibbli, kienet diġà seħħet sal-aħħar tal-2021[11]. F'Ġunju 2020, is-sehem tan-nefqa ppjanata kien ta' 54 % (skont ir-rapportar inizjali); sa Ġunju 2021 (iż-żmien tat-tieni rapport), dan is-sehem kien niżel għal 10 %. In-nefqa ppjanata li fadal issa hija biss 2 % (ara l-Graff 2), u ħafna mill-miżuri issa ġew konklużi.

---

[10] L-Irlanda u l-Estonja applikaw għal SURE għan-nefqa pubblika mġarrba biss, u għalhekk, ir-rapportar baqa' l-istess minn Marzu 2021.

[11] Il-miżuri eliġibbli huma dawk deskritti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament: skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili, u bħala anċillari, miżuri relatati mas-saħħa. Xi Stati Membri (l-Estonja, is-Slovenja) ma komplewx jirrapportaw dwar miżuri eliġibbli għal SURE peress li ma baqgħux jużaw l-assistenza finanzjarja ta' SURE biex jiffinanzjaw dawk il-miżuri, billi diġà qabżu l-ammont mogħti. Bħala tali, in-nefqa totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE hija ogħla minn dik irrapportata hawnhekk.

**Graff 1: Nefqa pubblika rrapportata**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Jannar 2022).*
Nota: L-Estonja applikat għall-appoġġ ta' SURE fi Frar 2021 u, għaldaqstant, hija inkluża minn Ġunju 2021 'il quddiem.

**Graff 2: Evoluzzjoni ta' kull xahar tan-nefqa pubblika mġarrba u ppjanata taħt SURE**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Jannar 2022).*

**In-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE issa hija mistennija li tilħaq EUR 118-il biljun, li taqbeż l-assistenza finanzjarja totali mogħtija taħt SURE.** Dan l-ammont baqa' relattivament stabbli mir-rapport preċedenti, meta kienu mistennija EUR 115-il biljun (il-Graff 1). Dan huwa akbar mill-ammont totali mogħti taħt SURE (EUR 94 biljun) minħabba li għadd ta' Stati Membri qed jippjanaw li jonfqu aktar fuq miżuri eliġibbli mill-ammont tal-assistenza finanzjarja li talbu u li ngħataw[12]. Dan jenfasizza aktar ir-rilevanza kontinwa tal-kamp ta' applikazzjoni ta' SURE mill-perspettiva tal-Istati Membri.

**In-nefqa pubblika aggregata ta' SURE fl-2021 irriżulta li kienet EUR 3 biljun ogħla milli mistenni fiż-żmien tar-rapportar preċedenti f'Ġunju 2021.** Madankollu, kien hemm eteroġeneità fost il-pajjiżi peress li seba' Stati Membri rrapportaw ammonti aktar baxxi milli mistenni għall-2021. Attwalment hemm disa' Stati Membri, meta mqabbla ma' tlieta li kien hemm qabel, li qed jippjanaw nefqa fl-2022 għal total ta' EUR 2,6 biljun.

**In-nefqa pubblika fuq miżuri eliġibbli għal SURE kompliet tirrifletti b'mod wiesa' s-sitwazzjoni epidemjoloġika.** Wara miżuri stretti fl-ewwel nofs tal-2021 madwar l-Ewropa, in-nefqa naqset għal livelli baxxi kull xahar sa tmiem is-sajf tal-2021, hekk kif il-kampanji ta' tilqim qabdu r-ritmu u l-Istati Membri ma baqgħux jagħmlu użu minn restrizzjonijiet ġenerali biex jimmaniġġjaw il-pandemija (ara l-Graff 2). Kien hemm żieda żgħira fin-nefqa pubblika fi tmiem l-2021 peress li l-impatt tal-varjant Omicron wassal għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' xi miżuri.

[12] Għal Spanja, l-Italja u l-Polonja, dan huwa dovut ukoll għal-limitu ta' konċentrazzjoni (ta' 60 % tal-ammont massimu ta' EUR 100 biljun li japplika għall-akbar tliet Stati Membri benefiċjarji).

### 2.1.2 Assorbiment tal-fondi

**Il-livell ta' assorbiment tal-assistenza finanzjarja ta' SURE huwa għoli għall-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri.** Bi kważi n-nefqa pubblika kollha issa ġiet eżegwita, *17 minn 19-il* Stat Membru diġà nefqu *mill-inqas* l-assistenza finanzjarja totali li ngħataw fuq miżuri eliġibbli (ara l-Graff 3). Minn dawn l-Istati Membri, 13 nefqu, jew qed jippjanaw li jonfqu *aktar* mill-ammont mogħti, inkluż billi jiffinanzjaw il-bqija fuq livell nazzjonali.

**Fi Stat Membru wieħed, il-livell ta' assorbiment tal-fondi huwa potenzjalment iktar baxx minn dak indikat fit-tieni rapport.** Għall-kuntrarju tar-rapport preċedenti tat-22 ta' Settembru 2021, il-Polonja bħalissa tirrapporta nefqa pubblika totali iktar baxxa fuq miżuri previsti fis-CID tagħha mill-ammont mogħti mill-Kunsill. Dan id-distakk ħareġ wara r-reviżjonijiet tad-*data* (minħabba perjodu latenti għar-rapportar tad-*data* dwar l-eżekuzzjoni) għal xi miżuri u jista' jiġi attribwit għar-rimbalz aktar b'saħħtu milli mistenni fl-ekonomija. Madankollu, l-ammont diġà żborżat (EUR 8,2 biljun) jibqa' taħt in-nefqa pubblika totali rrapportata mill-Polonja (EUR 10,3 biljun). Il-Kummissjoni hija impenjata mal-awtoritajiet nazzjonali biex tiddiskuti soluzzjonijiet potenzjali, inkluż il-posponiment tal-iżborż tal-fondi li jifdal.

**Fir-Rumanija, id-distakk fl-assorbiment li ġie identifikat fl-ewwel u fit-tieni rapport għadu għoli** (kważi żewġ terzi tal-ammont żborżat). Dan id-distakk huwa dovut għal impatt aktar dgħajjef milli mistenni tal-pandemija fuq l-ekonomija Rumena u rkupru aktar b'saħħtu milli mistenni. L-awtoritajiet nazzjonali pproponew l-inklużjoni ta' miżuri addizzjonali (eliġibbli għal SURE) biex jitnaqqas dan id-distakk. Id-djalogu tekniku mal-Kummissjoni għadu għaddej.

**L-assorbiment mhux se jibqa' problematiku f'żewġ Stati Membri identifikati b'distakk fl-assorbiment fit-tieni rapport biannwali.** Ir-rapport preċedenti indika distakk moderat u żgħir, rispettivament, bejn l-ikkostjar tal-miżuri li kienu ġew inklużi fis-CID u l-ammont totali mogħti taħt SURE fil-Portugall u f'Ċipru. Iż-żewġ pajjiżi issa jirrapportaw nefqa effettiva li taqbeż l-ammont mogħti, minħabba l-adozzjoni ta' miżuri eliġibbli ġodda fil-Portugall u minħabba l-estensjoni tal-miżuri f'Ċipru.

**Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni oriġinali tal-Kunsill għall-Portugall ġiet emendata f'Jannar 2022 biex tinkludi miżuri eliġibbli addizzjonali.** Sabiex jiġi assorbit l-ammont sħiħ mogħti fl-2020, is-CID emendatorja żiedet tliet miżuri eliġibbli, li diġà ġew implimentati u li huma eliġibbli li jiġu ffinanzjati taħt SURE[13]. Is-CID emendatorja ġiet approvata mill-Kunsill fil-25 ta' Jannar 2022, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni fl-4 ta' Jannar 2022[14].

[13] Il-miżuri addizzjonali jinkludu: skema ta' appoġġ għall-ħaddiema għal rashom, għall-ħaddiema mingħajr aċċess għal mekkaniżmi oħra ta' protezzjoni soċjali, u għall-maniġers li l-introjtu tagħhom ġie affettwat b'mod partikolari mill-pandemija tal-COVID-19; skema ta' appoġġ soċjali għall-artisti, l-awturi, it-tekniċi u professjonisti oħrajn tal-arti; ir-reklutaġġ ta' professjonisti tas-saħħa addizzjonali u sahra fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa.

[14] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/99 tal-25 ta' Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1354 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-

**Graff 3: Eċċess tan-nefqa pubblika ppjanata u mġarrba fuq miżuri eliġibbli fuq l-ammont tas-self (% tal-ammont tas-self)**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*

Nota: In-nefqa pubblika tirreferi għal dawk irrapportati, mingħajr aġġustament għal-limitu ta' konċentrazzjoni, fuq il-miżuri kif previst fis-CIDs, netti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE). Xi Stati Membri (l-Estonja, is-Slovenja) ma komplewx jirrapportaw dwar miżuri eliġibbli għal SURE peress li ma baqgħux jużaw l-assistenza finanzjarja ta' SURE biex jiffinanzjaw dawk il-miżuri, billi diġà qabżu l-ammont mogħti.

### *2.2 Miżuri nazzjonali: skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili appoġġati minn SURE*

**Aktar minn nofs in-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE ġiet allokata għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.** Min-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE, 52 % ġiet allokata għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, li huma ffinanzjati minn 16 mid-19-il Stat Membru li jibbenefikaw minn SURE. Il-"miżuri simili" ġew allokati 32 % oħra għal ħaddiema għal rashom[15]. L-iskemi ta' sussidju tal-pagi ġew allokati 9 %, filwaqt li 2 % tan-nefqa totali ġiet allokata għal miżuri simili "oħra" li jappoġġaw iż-żamma tal-impjiegi u l-introjti tal-ħaddiema[16]. Disa' Stati Membri biss użaw l-assistenza finanzjarja mix-SURE għall-miżuri tas-suq tax-xogħol (ara l-Graff 4).

**In-natura anċillari tan-nefqa relatata mas-saħħa hija kkonfermata.** Min-nefqa totali, 5 % intnefqet jew kienet ippjanata li tintnefaq fuq miżuri relatati mas-saħħa. Minn 19-il Stat Membru, 10 ma rrikorrewx għall-appoġġ ta' SURE biex jiffinanzjaw miżuri relatati mas-saħħa.

---

Repubblika Portugiża biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 17, 26.1.2021, p. 47.

[15] Dan huwa bbażat fuq analiżi tal-Kummissjoni li tikkategorizza l-miżuri rrapportati mill-Istati Membri skont it-tip.

[16] L-iskemi ta' sussidju tal-pagi huma skemi għaż-żamma tal-impjiegi simili għal xogħol b'ħinijiet iqsar, iżda huma differenti fis-sens li l-pagamenti ma humiex ikkalkulati f'termini ta' sigħat (mhux maħduma), iżda minflok jikkorrispondu għal somma f'daqqa jew proporzjon tal-paga totali.

**Graff 4: Nefqa pubblika fuq miżuri eliġibbli għal SURE skont it-tip ta' nefqa**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*
Nota: Ara r-rapport SURE ta' Marzu 2021 għal aktar dettalji dwar in-nefqa tal-Ungerija relatata mas-saħħa.

**L-Ungerija applikat għal appoġġ supplimentari biex testendi l-miżuri eżistenti u tiffinanzja miżura ġdida.** Is-self se jassisti lill-Ungerija biex tkopri l-kostijiet ta' skema ġdida ta' appoġġ għall-introjtu għal ħaddiema għal rashom u estensjoni tal-eżenzjonijiet mit-taxxa pprovduti lill-kumpaniji biex iżommu lin-nies impjegati, li ġiet introdotta b'reazzjoni għall-pandemija tal-coronavirus. L-iskema temporanja l-ġdida hija mmirata lejn l-imprendituri mingħajr impjegati, li ma humiex eliġibbli għal sussidji tal-pagi skont l-iskema settorjali tal-pagi, u li jaħdmu f'setturi affettwati minn miżuri ta' lockdown. Huma jistgħu jirċievu pagament ta' darba li jkun daqs il-paga minima garantita ta' kull xahar, bil-kundizzjoni li jżommu l-attivitajiet tagħhom għal mill-inqas xahrejn wara t-tmiem prospettiv tal-istat ta' emerġenza. Il-parti li jifdal tal-appoġġ tingħata għall-estensjoni tal-eżenzjonijiet mit-taxxa (mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegatur, l-imposta tat-taħriġ, it-taxxa fuq l-intrapriżi ż-żgħar u t-taxxa f'somma waħda f'daqqa għall-kontribwenti tat-taxxa ż-żgħar) għas-setturi l-aktar milquta mill-pandemija.

### *2.3 Il-kopertura ta' SURE f'termini ta' impjiegi u ditti*

**SURE huwa stmat li fl-2020 appoġġa madwar 31 miljun persuna u 2,5 miljun ditta.** Ir-rapportar ta' Jannar 2021 mill-Istati Membri jikkonferma ċ-ċifri fit-tieni rapport dwar SURE. Dan jirrappreżenta kważi 30 % tal-impjiegi totali u kwart tad-ditti fl-Istati Membri benefiċjarji[17]. L-istima tal-impjiegi hija magħmula minn madwar 22,25 miljun impjegat u 8,75 miljun ħaddiem għal rasu. Il-Graffs 5 u 6 jippreżentaw diżaggregazzjoni tal-kopertura ta' SURE skont l-Istat

[17] Dan jikkorrispondi għal persuni u ditti li, f'xi punt, kienu koperti minn skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili appoġġati minn SURE. Id-denominaturi huma bbażati fuq it-tabelli ta' rapportar ippreżentati mill-Istati Membri. L-għadd totali ta' ditti jinkludi ditti b'mill-inqas impjegat wieħed.

Membru. Dawn l-istimi ma jinkludux persuni appoġġati minn miżuri relatati mas-saħħa taħt SURE, u għalhekk jistgħu jitqiesu bħala konservattivi[18].

**Id-ditti żgħar kienu l-benefiċjarji primarji tal-appoġġ ta' SURE.** L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, li qabel il-Covid kienu jintużaw primarjament minn ditti kbar, matul il-pandemija saru jintużaw fil-biċċa l-kbira minn ditti żgħar, peress li l-iskemi ġew adottati l-aktar mis-servizzi (prinċipalment il-lukandi u r-ristoranti) u mis-setturi tal-bejgħ bl-imnut minflok mill-manifattura[19]. Il-maġġoranza l-kbira tal-kopertura tad-ditti minn SURE kienet iffukata fuq ditti żgħar (il-Graff 6). L-appoġġ ingħata primarjament lil ditti fis-settur tas-servizzi, għalkemm il-manifattura xorta rċeviet appoġġ sinifikanti (stmat għal madwar terz tan-nefqa ta' SURE). Is-setturi bl-akbar sehem tan-nefqa kienu i) il-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, ii) l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, u (iii) il-manifattura (ara l-Graff 7). Fis-CIDs tagħhom, ħafna Stati Membri pprevedew ukoll appoġġ għal aktar setturi, bħas-settur kulturali, b'miżuri mmirati.

**Graff 5: Ħaddiema koperti minn SURE fl-2020 (% tal-impjiegi totali)**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*
Nota: Iċ-ċifri tal-kopertura u tal-impjiegi totali huma dawk irrapportati mill-Istati Membri.

**Graff 6: Ditti koperti minn SURE fl-2020 skont id-daqs (% tad-ditti totali)**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*
Nota: It-total tad-ditti jeskludi d-ditti bl-ebda impjegat. Id-distribuzzjoni tad-ditti hija preżunta li tapplika għall-kopertura tal-2020. Il-Polonja u l-Ungerija ma rrapportawx dwar id-daqs tad-ditti. Ditti żgħar huma dawk b'inqas minn 50 impjegat, dawk medji b'50–250 impjegat u dawk kbar b'aktar minn 250 impjegat.

---

[18] Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, kien hemm trikkib sinifikanti bejn ir-riċeventi tal-appoġġ f'miżuri differenti li ma setax isir aġġustament xieraq għalihom. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri ntalbu jirrapportaw biss il-kopertura tal-akbar miżura/i biex jiġi evitat l-għadd doppju. Għaldaqstant, il-kopertura reali tista' tkun saħansitra ogħla.

[19] Il-Kummissjoni Ewropea (2020): Labour Market and Wage Developments in 2020, Kapitolu 3, Policy developments. https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=23268&langId=en. Diskussjoni ulterjuri hija disponibbli fit-tieni rapport ta' SURE.

**Graff 7: Kopertura settorjali ta' SURE**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*

Nota: L-Istati Membri jirrapportaw it-tliet setturi li bbenefikaw l-aktar minn SURE, kif ukoll is-sehem tan-nefqa li jmur lejn dawk is-setturi. Din il-graff tirrapporta s-sehem medju tan-nefqa fost l-Istati Membri f'kull settur. Meta settur ma jkunx imsemmi, aħna nassumu li dan jikseb sehem ugwali mill-infiq residwu. Sitt Stati Membri ma jirrapportawx is-sehem tan-nefqa li jmur għall-ewwel tliet setturi: aħna nassumu li l-akbar settur jieħu 50 %, it-tieni l-akbar wieħed jieħu 30 % u t-tielet l-akbar 20 % tan-nefqa totali. Dawn iċ-ċifri jikkorrispondu għall-medji fl-Istati Membri li rrapportaw l-ishma tan-nefqa.

**SURE kompla jipproteġi l-impjiegi matul l-irkupru mhux uniformi fl-2021, u appoġġa madwar 3 miljun persuna u aktar minn 400 elf ditta.** Dan jinkludi kważi 2,5 miljun impjegat u aktar minn 600 elf ħaddiem għal rasu, li jikkorrispondu għal aktar minn 6 % tal-impjiegi totali u aktar minn 10 % tad-ditti fit-13-il Stat Membru benefiċjarju li komplew jużaw SURE fl-2021 (il-Graffs 8 u 9)[20]. Il-mewġiet sussegwenti tal-pandemija kienu jeħtieġu li ħafna Stati Membri jintroduċu mill-ġdid miżuri ta' appoġġ ekonomiku f'diversi stadji matul l-2021. Għalkemm l-impatt ekonomiku ta' dawn il-mewġiet kien iżgħar minn dak tal-ewwel waħda, xi Stati Membri u setturi kienu affettwati aktar minn oħrajn. L-impatt fuq l-impjiegi ġie mmitigat minn miżuri appoġġati minn SURE, inkluż bl-appoġġ supplimentari biex tiġi indirizzata t-tieni mewġa fil-bidu tal-2021.

[20] L-Istati Membri li nefqu l-assistenza finanzjarja ta' SURE kollha tagħhom fl-2020 ma humiex inklużi hawnhekk: iċ-Ċekja, l-Estonja, Spanja, l-Irlanda, il-Kroazja u s-Slovenja. Madankollu, ħafna minn dawn l-Istati Membri komplew il-miżuri rilevanti tagħhom, jew adattawhom, u ffinanzjawhom permezz ta' sorsi oħra. L-istima hija bbażata fuq rapportar mhux komplut peress li xi Stati Membri (l-Italja, l-Ungerija) ma rrapportawx *data* dwar il-kopertura għall-2021.

**Graff 8: Ħaddiema koperti minn SURE fl-2021 (% tal-impjiegi totali)**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*

Nota: L-Istati Membri li nefqu l-assistenza finanzjarja ta' SURE sa tmiem l-2020 ma jidhrux. Mhux applikabbli (m/a) tirreferi għall-Istati Membri (l-Italja u l-Ungerija) li ma rrapportawx kopertura għall-2021.

**Graff 9: Ditti koperti minn SURE fl-2021 (% tad-ditti totali)**




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*

Nota: It-total tad-ditti jeskludi d-ditti bl-ebda impjegat. Mhux applikabbli (m/a) tirreferi għall-Istati Membri (l-Italja u l-Ungerija) li ma rrapportawx kopertura għall-2021.

**Filwaqt li naqas maż-żmien, ir-rikors għall-appoġġ għax-xogħol b'ħinijiet iqsar baqa' sostanzjali fl-2021.** Għalkemm l-ogħla livell ta' xogħol b'ħinijiet iqsar li ntlaħaq matul l-ewwel mewġa tal-pandemija f'Marzu-April 2020 għadu mingħajr preċedent, għadd konsiderevoli ta' ħaddiema komplew jibbenefikaw minn appoġġ għal xogħol b'ħinijiet iqsar (jew skemi simili għaż-żamma tal-impjiegi), b'mod partikolari fl-ewwel nofs tal-2021. In-nefqa ta' SURE ssegwi mill-qrib is-sehem tal-impjegati koperti minn skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (il-Graff 10). It-tnaqqis gradwali fl-użu ta' appoġġ għax-xogħol b'ħinijiet iqsar jirrifletti l-irkupru ekonomiku li għaddej, appoġġat mit-tnedija b'suċċess tal-kampanji ta' tilqim. Sfortunatament, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' *data* wara Settembru 2021 għal maġġoranza kbira ta' pajjiżi għadu ma jippermettix li jitkejjel l-impatt possibbli tal-feġġa tal-varjant Omiron tal-virus SARS-CoV-2 fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

**Graff 10: Is-sehem tal-impjegati li jibbenefikaw minn xogħol b'ħinijiet iqsar u minn skemi assimilati**




Sors: *Rapport ta' monitoraġġ tal-EMCO-SPC dwar is-sitwazzjoni tal-impjiegi u dik soċjali wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (Xitwa 2022).*
Nota: Id-*data* dwar l-għadd ta' impjegati koperti ma hijiex disponibbli għaċ-Ċekja. Informazzjoni parzjali disponibbli wara Ġunju 2021: *data* dwar l-impjegati koperti mhux disponibbli għall-Italja wara Ġunju u għall-Belġju wara Awwissu.

**Il-parteċipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ f'xogħol b'ħinijiet iqsar żdiedet matul il-kriżi tal-COVID-19.** Dan huwa bbażat fuq it-tieni rapport (ippubblikat f'Settembru 2021), mingħajr l-ebda aġġornament disponibbli. Dan jirrifletti primarjament il-bidla fil-kompożizzjoni settorjali tal-appoġġ lil hinn mill-manifattura u l-kostruzzjoni, lejn is-servizzi u l-bejgħ bl-imnut, jiġifieri setturi b'sehem relattivament ogħla ta' nisa u żgħażagħ impjegati[21]. Filwaqt li s-sehem tan-nisa żdied għal madwar nofs l-impjieg b'ħinijiet iqsar, is-sehem taż-żgħażagħ kien għadu limitat.

## III. ANALIŻI PRELIMINARI TAL-IMPATT TA' SURE

Din it-taqsima taġġorna l-analiżi ppreżentata fir-rapporti biannwali preċedenti ta' SURE dwar l-impatt ta' SURE fuq l-impjiegi u l-finanzi pubbliċi, bl-użu wkoll tal-eżitu tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru.

---

[21] Il-Kummissjoni Ewropea (2020): Labour Market and Wage Developments in 2020, Kapitolu 3, Policy developments. https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=23268&langId=en. Fl-Italja u fil-Belġju, bħala medja, is-sehem tan-nisa involuti fl-iskemi rdoppja wara Marzu 2020, filwaqt li s-sehem ta' benefiċjarji ta' ħaddiema żgħażagħ żdied minn 1,6 % għal 5,7 % fl-Italja u minn 6,7 % għal 7,6 % fil-Belġju. Is-sehem ta' ħaddiema nisa u żgħażagħ involuti f'xogħol b'ħinijiet iqsar kien għoli wkoll fil-Latvja, fir-Rumanija, fil-Portugall u fl-Estonja.

### *3.1 L-istima tal-impatt ta' SURE fuq il-qgħad*

**Din it-taqsima tipprovdi valutazzjoni aġġornata tal-impatt ta' SURE fuq il-qgħad fl-Istati Membri benefiċjarji.** L-għan ta' SURE huwa li l-Istati Membri jingħataw għajnuna biex jippreservaw l-impjiegi tal-ħaddiema u tal-ħaddiema għal rashom matul il-pandemija tal-COVID-19, u b'hekk jiġu protetti l-introjti tax-xogħol (l-effett "taż-żamma tal-impjiegi" fuq l-impatt). Dan jiffaċilita wkoll irkupru rapidu meta l-pandemija tbatti, peress li d-ditti żammew l-impjegati u l-ħiliet tagħhom u l-ħaddiema għal rashom huma lesti li jerġgħu jibdew l-attività tagħhom ("l-effett rebound" wara l-impatt). Il-valutazzjoni ppreżentata hawnhekk tiffoka fuq ir-relazzjoni bejn il-produzzjoni u l-qgħad sa mill-bidu tal-pandemija. Ir-riżultati huma informattivi, iżda ċ-ċifri jenħtieġ li jiġu interpretati b'kawtela għal raġunijiet metodoloġiċi. L-ewwel nett, huwa diffiċli li jitfassal xenarju "kontrofattwali" tal-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol fin-nuqqas ta' SURE. It-tieni, ir-relazzjoni bejn l-output u l-impjiegi hija affettwata minn firxa wiesgħa ta' fatturi, inkluż SURE. Fatturi oħra huma relatati mal-fatt li n-nies ma setgħux, jew qatgħu qalbhom, milli jfittxu impjieg b'mod attiv minħabba l-għeluq ta' partijiet kbar tal-ekonomija.

**Iż-żieda fil-qgħad fl-2020 fl-Istati Membri benefiċjarji kienet ferm inqas milli mistenni.** Il-miżuri ta' politika rapidi u mdaqqsa li ttieħdu fl-2020 biex jindirizzaw il-kriżi tal-COVID taffew l-impatt tat-tnaqqis fl-output fuq il-qgħad, meta mqabbel mar-reazzjoni mistennija tal-qgħad għall-PDG osservata fil-passat (ara l-Graff 11)[22]. Iż-żieda fir-rati tal-qgħad kienet, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, anqas milli mistennija[23]. Dawn is-sejbiet jikkonfermaw ir-riżultati preċedenti ppreżentati fl-ewwel u fit-tieni rapport biannwali dwar SURE[24].

**Il-miżuri ta' appoġġ għall-politika adottati, inkluż SURE, fl-2020 effettivament impedixxew 1,5 miljun persuna milli jiġu qiegħda fl-Istati Membri benefiċjarji ta' SURE[25].** Din iċ-ċifra hija kkonfermata mit-tieni rapport. Kif jingħad hemmhekk, iż-żieda fil-qgħad aktar baxxa milli mistennija tista' tiġi attribwita parzjalment għall-użu mifrux tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri li jibbenefikaw mill-istrument SURE. Fil-livell tal-pajjiżi, aktar kemm kien għoli l-ammont riċevut permezz ta' SURE fl-2020, aktar kienet moderata ż-żieda fil-qgħad, filwaqt li xi Stati Membri mhux benefiċjarji rnexxielhom jużaw il-kundizzjonijiet ta' finanzjament eċċellenti tagħhom biex imexxu skemi kbar ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (il-Graff 12). Dawn il-miżuri tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-iskemi ta'

[22] Il-kapaċità ta' rispons tal-bidliet fit-tkabbir ekonomiku għall-qgħad ta' sikwit tissejjaħ bħala "l-Liġi ta' Okun" fil-letteratura ekonomika. Il-Liġi ta' Okun, li hija aktar regola ġenerali milli relazzjoni bbażata fuq it-teorija, tissuġġerixxi li tnaqqis fit-tkabbir tal-output ta' bejn 2 % u 3 % huwa assoċjat ma' żieda ta' punt perċentwali fir-rata tal-qgħad (ara Okun, A.M., "Potential GNP: Its measurement and significance", fit-Taqsima dwar il-Proċedimenti tal-Istatistika tan-Negozju u dik Ekonomika, l-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Istatistika, 1962).

[23] Fl-Italja, il-Greċja, u l-Polonja, ir-rata tal-qgħad saħansitra naqset fl-2020.

[24] Is-sejbiet ewlenin tagħna jreġu wkoll meta l-bidla fir-rata tal-qgħad tiġi ssostitwita bil-bidla fir-rata tal-impjiegi (jiġifieri l-impjiegi fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol). Din l-ispeċifikazzjoni hija mod kif tiġi kkoreġuta l-bidla fil-forza tax-xogħol, li taffettwa l-indikaturi tal-qgħad. Għal aktar dettalji ara l-Kummissjoni Ewropea (2021), *Quarterly Report on the Euro Area,* it-Taqsima III, *Vol.* 20, *Nru* 2. *Il-Kroazja ma hijiex inkluża għal raġunijiet ta' disponibbiltà tad-data.*

[25] Dan jimplika li, filwaqt li 31 miljun persuna kienu koperti b'SURE, huwa stmat li 1,5 miljun kienu jsiru qiegħda fin-nuqqas ta' appoġġ politiku.

xogħol b'ħinijiet iqsar, flimkien ma' reazzjonijiet ta' politika oħra għall-pandemija, huma stmati li naqqsu r-rata tal-qgħad fl-Istati Membri benefiċjarji ta' SURE b'madwar punt perċentwali wieħed meta mqabbla maż-żieda mistennija fil-qgħad. Dan jikkorrispondi għal madwar 1,5 miljun persuna li evitaw il-qgħad matul it-tifqigħa tal-COVID-19 fl-Istati Membri benefiċjarju ta' SURE[26].

**Graff 11: Bidliet effettivi mqabbla ma' bidliet mistennija fir-rati tal-qgħad skont l-Istati Membri benefiċjarji ta' SURE fl-2020**




Sors: *Ameco u kalkoli proprji.*
Nota: l-assi y: Il-bidla mistennija fir-rati tal-qgħad tikkorrispondi għall-previżjoni li ġejja minn mudell ta' rigressjoni speċifiku għall-pajjiżi għall-perjodu bejn l-1999 u l-2019. L-analiżi hija bbażata fuq approċċ tal-liġi ta' Okun, fejn il-varjabbli dipendenti jirrappreżenta l-bidla fir-rata tal-qgħad u l-varjabbli indipendenti jirreferi għar-rata tat-tkabbir effettiva tal-PDG. Il-bidla effettiva fir-rata tal-qgħad hija meħuda minn COM AF 2021.

**Graff 12: Ir-relazzjoni bejn il-bidla fir-rata tal-qgħad u l-finanzjament ta' SURE żborżat fl-2020**




Sors: *Ameco u kalkoli proprji.*
Nota: l-assi y: Il-bidla mistennija fir-rati tal-qgħad ġejja mill-mudell tar-rigressjoni speċifiku għall-pajjiżi spjegat fin-nota għall-Graff 11.

**Il-protezzjoni tal-impjiegi fl-ewwel sentejn tal-pandemija appoġġat irkupru aktar rapidu milli fi kriżijiet preċedenti.** L-ewwel nett, kemm il-PDG kif ukoll il-qgħad irkupraw aktar qrib il-livelli tagħhom ta' qabel il-kriżi fl-Istati Membri benefiċjarji ta' SURE fl-2021 meta mqabbla mal-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi taż-żona tal-euro wara l-istess perjodu ta' żmien (ara l-Graff 13). Dan seħħ minkejja l-mewġiet sussegwenti tal-pandemija li kienu jeħtieġu l-introduzzjoni mill-ġdid tar-restrizzjonijiet matul is-sena. L-irkupru kontinwu fl-impjiegi ra r-rata tal-qgħad taqa' taħt ir-rata tiegħu ta' qabel il-pandemija għal rekord baxx ta' 6,4 % fl-UE. It-total ta' sigħat maħduma żdied, u dan jirrifletti fil-biċċa l-kbira tnaqqis ulterjuri fl-użu ta' skemi għaż-

[26] Is-sejba hija derivata mill-mudell ta' rigressjoni ppreżentat fil-Graff 11. Dan jassumi li l-forza tax-xogħol effettiva u dik mistennija huma l-istess.

żamma tal-impjiegi, għalkemm jibqgħu 1 % inqas minn qabel il-pandemija. It-tieni, abbażi tal-previżjoni tax-xitwa[27], it-tkabbir ekonomiku se jkompli fl-2022 u se jissupera l-irkupru li deher fl-istess stadju wara kriżijiet preċedenti, meta l-PDG baqa' ferm taħt il-livell tiegħu ta' qabel il-kriżi[28]. Dan jissuġġerixxi li l-fatt li l-forza tax-xogħol disponibbli baqgħet konnessa mad-ditti permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili għen biex jappoġġa l-irkupru rapidu, minkejja s-sitwazzjoni epidemjoloġika diffiċli.

**Graff 13: Tqabbil storiku tal-irkupru fil-PDG u l-qgħad wara kriżi**




Sors: *Ameco (bl-użu tat-tbassir tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2021), l-Eurostat*

Nota: Hawn jidhru l-PDG aggregat u r-rata medja tal-qgħad għall-Istati Membri benefiċjarji ta' SURE. Il-perjodu ta' żmien t-1 jirreferi għas-sena ta' qabel il-kriżijiet rispettivi, jiġifieri t+2 għall-kriżi tal-Covid tirreferi għall-2022. t=2009 għall-Kriżi finanzjarja globali (GFC); t=2012 għall-kriżi tad-dejn fiż-żona tal-euro (ŻE).

**Il-mezzi li jispjegaw kif fl-2020 SURE ffaċilita żieda inqas qawwija fil-qgħad u rkupru iktar rapidu huma diskussi fid-dettall fl-ewwel rapport biannwali dwar SURE.** Dawn jinkludu t-titjib fil-fiduċja fl-UE kollha, l-appoġġ għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-inkoraġġiment biex dawn jintużaw, u li l-Istati Membri setgħu jonfqu aktar fuq l-appoġġ għall-impjiegi u politiki oħra relatati mal-pandemija. Id-*data* mill-istħarriġ *ad hoc* li tidher fl-ewwel rapport indikat li SURE kellu rwol fid-deċiżjoni tal-maġġoranza tal-Istati Membri benefiċjarji li jadottaw skema ġdida ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew li jimmodifikaw skema eżistenti, u ppermettiet li xi Stati Membri jkunu aktar ambizzjużi dwar miżuri simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. SURE kkontribwixxa wkoll biex l-Istati Membri jżidu l-ġenerożità jew it-tul tal-iskemi taż-żamma tal-impjiegi tagħhom, peress li rifed il-fiduċja tal-Istati Membri biex jisselfu u

[27] Din l-analiżi hija bbażata fuq il-Previżjoni tal-Kummissjoni tax-Xitwa għall-2022, li d-data limitu tagħha kienet l-1 ta' Frar. Għalhekk, il-previżjoni ma kinitx tinkorpora l-iżviluppi bl-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

[28] Madankollu, l-irkupru ma kienx uniformi. L-impjiegi f'setturi intensivi fil-kuntatt kienu jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tat-tkabbir, filwaqt li l-impjiegi fil-manifattura staġnaw. Il-livelli ta' impjieg għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet għadhom lura, u dan jirrifletti n-natura mhux uniformi tal-irkupru.

jonfqu ħafna aktar milli kieku kienu jagħmlu, filwaqt li gawdew mill-iffrankar fir-rata tal-imgħax miksub mill-UE minkejja l-klassifikazzjoni tal-kreditu aktar baxxa tagħhom. L-effett tal-fiduċja jkompli jidher permezz tar-riżultati riċenti tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru ta' hawn taħt.

**SURE rċieva appoġġ wiesa' miċ-ċittadini tal-UE.** L-istħarriġ tal-Ewrobarometru li ġie ppubblikat f'Diċembru 2021 staqsa lir-rispondenti fiż-żona tal-euro jekk is-self ta' SURE biex in-nies jinżammu fl-impjieg kienx idea tajba, u 82 % wieġbu iva[29]. Din l-opinjoni pożittiva ta' SURE hija valida kemm fil-pajjiżi benefiċjarji kif ukoll f'dawk garanti (ara l-Graff 14), u tafferma mill-ġdid is-suċċess tal-istrument kemm fl-appoġġ għall-impjiegi kif ukoll fit-titjib tal-fiduċja fl-UE.

**Graff 14: Il-fehmiet taċ-ċittadini tal-UE dwar jekk is-self ta' SURE kienx idea tajba (% tat-tweġibiet totali)**




Sors: *Pubblikazzjoni ta' Diċembru 2021 tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru, li sar fil-pajjiżi taż-żona tal-euro f'Ottubru u f'Novembru 2021. Ara n-nota 25 f'qiegħ il-paġna.*

### *3.2 L-effett finanzjarju dirett:iffrankar stmat mir-rati tal-imgħax*

**Huwa stmat li l-Istati Membri ffrankaw total ta' EUR 8,2 biljun fuq pagamenti tal-imgħax meta rċevew assistenza finanzjarja permezz ta' SURE.** Dan l-ammont huwa bbażat fuq l-ewwel seba' ħarġiet ta' SURE, sal-iżborż tal-25 ta' Mejju 2021, li kien l-aħħar żborż qabel il-limitu għal dan ir-rapport[30]. Għalhekk, l-iffrankar stmat tal-imgħax x'aktarx jiżdied mal-iżborżi

[29] B'mod speċifiku, ir-rispondenti ġew mistoqsija: "X'inhuma l-ħsibijiet tiegħek dwar l-aktar appoġġ finanzjarju riċenti tal-UE biex l-Istati Membri tal-UE jegħlbu l-kriżi tal-COVID-19? Taħseb li kien tajjeb jew mhux tajjeb li jiġi pprovdut… *self biex jgħin lill-Istati Membri interessati jżommu lin-nies fl-impjieg?"* Ara: https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2289

[30] Din iċ-ċifra hija l-istess bħal fit-tieni rapport dwar SURE peress li ma kien hemm l-ebda żborż ġdid bejn il-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport u l-pubblikazzjoni tat-tieni wieħed.

finali[31]. Dan l-iffrankar ġie ġġenerat minħabba li s-self ta' SURE offra lill-Istati Membri rati tal-imgħax aktar baxxi minn dawk li kienu jħallsu li kieku ħarġu dejn sovran huma stess, u dan fuq perjodu medju ta' kważi 15-il sena. Dan huwa minħabba l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-UE u l-likwidità tal-bonds ta' SURE[32]. L-akbar tfaddil ġie rreġistrat mill-Istati Membri bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu aktar baxxi.

## IV. Il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tar-Regolament SURE

Din it-taqsima tirrapporta dwar il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-istrument SURE, kif meħtieġ mir-Regolament SURE[33].

**Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE evitaw l-introduzzjoni mill-ġdid ta' miżuri ta' konteniment ġenerali u stretti matul ix-xitwa, iżda l-inċertezza dwar il-virus għadha għolja.** It-tixrid rapidu tal-varjant Omicron matul ix-xitwa wera l-veloċità li biha t-trajettorja tal-pandemija tista' tinbidel. Minkejja riskju aktar baxx ta' mard serju u ta' mewt mill-varjanti preċedenti tas-SARS-CoV-2, it-trażmissibbiltà ogħla tal-Omicron irriżultat f'żidiet fir-rikoveri fl-isptar u pressjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa b'mod globali, u tista' twassal għal morbidità sinifikanti, b'mod partikolari f'popolazzjonijiet vulnerabbli[34]. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma introduċewx mill-ġdid lockdowns fuq skala sħiħa, fi tmiem l-2021 u fil-bidu tal-2022 ċerti setturi baqgħu partikolarment affettwati mir-restrizzjonijiet. Mis-6 ta' Marzu 2022, is-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali fl-UE/fiż-ŻEE kienet ikkaratterizzata minn rata għolja iżda li qed tonqos ta' notifika ta' każijiet inġenerali, skont iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)[35]. Filwaqt li l-mewġa tal-Omicron laħqet il-quċċata tagħha fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, it-trażmissjoni qed tkompli tiżdied fost l-anzjani, u skont *data* disponibbli fis-6 ta' Marzu, huma mbassra xejriet dejjem jiżdiedu fir-rati tal-mewt f'10 pajjiżi. L-ECDC innota li s-sitwazzjoni epidemjoloġika kienet ta' tħassib għoli jew għoli ħafna fi 15-il pajjiż tal-UE/taż-ŻEE. Għad hemm differenzi bejn il-pajjiżi u l-interpretazzjoni tax-xejriet fid-*data* ta' sorveljanza issa hija diffiċli minħabba reġimi ta' ttestjar differenti u li qed jinbidlu b'mod rapidu madwar l-Istati Membri

---

[31] Dawn l-istimi jeskludu kwalunkwe effett ta' fiduċja addizzjonali possibbli li strumenti ta' emerġenza ġodda, inkluż SURE, seta' kellhom fuq il-fiduċja tal-aġenti ekonomiċi u l-firxa tar-rata tal-imgħax għat-teħid ta' self sovran tal-Istati Membri.

[32] Diżaggregazzjoni tal-iffrankar tal-imgħax skont l-Istat Membru hija disponibbli fit-Tabella 4 tat-tieni rapport biannwali dwar SURE. Aktar dettalji dwar il-metodoloġija jinsabu fit-Taqsima III tal-Quarterly Report on the Euro Area Vol. 20, Nru 2 (2021).

[33] L-Artikolu 14(1) tar-Regolament SURE. Fi kwalunkwe każ, il-perjodu ta' disponibbiltà tal-Istrument li matulu tista' tiġi adottata CID għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2022, skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament SURE. Lil hinn minn din id-data, dan l-appoġġ jista' jiġi estiż mill-Kunsill kull 6 xhur (jekk ikun għad fadal riżorsi finanzjarji), skont l-Artikolu 12(4).

[34] Ara l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa: https://www.who.int/publications/m/item/enhancing-readiness-for-omicron-(b.1.1.529)-technical-brief-and-priority-actions-for-member-states

[35] Ara r-rapport ġenerali tal-pajjiżi tal-ECDC, ġimgħa nru 9 2022: https://covid19-country-overviews.ecdc.europa.eu/index.html

**Il-momentum tat-tkabbir li kien qed jinbena fl-2021 naqas fi tmiem is-sena.** Wara li l-ekonomija Ewropea laħqet mill-ġdid il-livell ta' output ta' qabel il-pandemija fis-sajf tal-2021, din naqset xi ftit minħabba ż-żieda fl-infezzjonijiet tal-COVID-19 xprunata mill-Omicron, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u t-tfixkil kontinwu min-naħa tal-provvista. Filwaqt li xi restrizzjonijiet ġew introdotti mill-ġdid, dawn ġeneralment kienu ta' natura inqas stretta jew aktar immirati milli f'mewġiet preċedenti. It-Tbassir tax-Xitwa tal-Kummissjoni (li ġie ppubblikat qabel l-invażjoni tal-Ukrajna) kien qed jistenna li t-tkabbir jiżdied fit-tieni trimestru u jibqa' b'saħħtu matul il-perjodu tat-tbassir, u jwassal biex il-PDG tal-UE jiżdied b'4,0 % fl-2022 u bi 2,8 % fl-2023. It-tbassir tal-inflazzjoni għall-UE ġie rivedut sa 3,9 % fl-2022, filwaqt li baqa' ferm ogħla mill-mira tal-BĊE ta' 2 %.

**Issa hemm inċertezza eċċezzjonali dwar il-perspettiva ekonomika minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika fl-Ukrajna.** L-invażjoni tal-Ukrajna, u l-konsegwenzi tagħha għas-sigurtà u l-istabbiltà, x'aktarx li se jkollhom impatt negattiv fuq it-tkabbir, inkluż permezz ta' effetti fuq is-swieq finanzjarji, aktar pressjonijiet fuq il-prezzijiet tal-enerġija, konġestjonijiet persistenti fil-katina tal-provvista u effetti fuq il-fiduċja. L-impatt tal-mewġa attwali tal-COVID-19 jista' wkoll idum aktar milli antiċipat u jkompli jfixkel il-ktajjen tal-provvista. Dawn iż-żewġ fatturi jistgħu jwasslu għal inflazzjoni ogħla milli mistenni jekk il-kostijiet addizzjonali jiġu mgħoddija lill-konsumaturi. Min-naħa l-oħra, id-domanda tal-unitajiet domestiċi tista' taċċellera minħabba ffrankar kbir, filwaqt li l-RRF tista' tipprovdi stimolu saħansitra aktar b'saħħtu għall-investiment, għalkemm ir-riskji issa huma inklinati 'l isfel.

**Il-miżuri ta' politika saru dejjem aktar immirati, u appoġġati mill-RRF biex jiffaċilitaw l-irkupru.** Dan jeħtieġ bidla mill-assistenza temporanja ta' emerġenza bħal SURE. L-RRF qed tippromwovi rkupru mimli investiment u riformi li jsaħħu t-tkabbir, inkluż biex jgħinu fl-indirizzar tal-impatt mhux uniformi tal-pandemija fost l-unitajiet domestiċi u n-negozji. It-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet huma element importanti ta' dan, fil-kuntest tal-impenn tal-UE għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika[36].

**Peress li l-istrument se jibqa' disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2022, l-assistenza finanzjarja taħt SURE tista' tkompli tingħata biex tindirizza tfixkil ekonomiku serju kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19.** Madwar EUR 5,6 biljun għadhom disponibbli taħt SURE, li huwa aktar mit-talbiet supplimentari totali ppreżentati minn 7 Stati Membri sa issa (EUR 3,8 biljun) fil-kuntest tat-tieni ċiklu ta' talbiet.

## V. Informazzjoni dwar is-sistemi nazzjonali ta' awditjar u ta' kontroll

### *5.1 L-obbligu ta' rapportar dwar is-sistemi ta' awditjar u ta' kontroll*

**Is-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni jiżguraw in-nuqqas ta' frodi bejn l-Unjoni, bħala mutwanti, u l-Istat Membru, bħala mutwatarju.** B'mod notevoli, il-Kummissjoni għandha

[36] Ara d-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE).

fis-seħħ kontrolli biex tipprevjeni irregolaritajiet jew frodi fir-rigward *tar-rapportar ta' data mill-Istati Membri*, jew meta jitolbu self jew sussegwentement dwar l-użu tas-self. Jekk ikun hemm suspett ta' xi każ, id-dispożizzjonijiet fil-Ftehim tas-Self huma disponibbli għall-Kummissjoni biex taġixxi u twettaq investigazzjonijiet. Il-Kummissjoni twettaq dan il-kompitu b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri u ma għandhiex mandat biex tivvaluta u timmonitorja l-użu tas-self ta' SURE mir-riċeventi finali fl-Istati Membri. B'mod speċifiku, SURE, flimkien mal-implimentazzjoni tiegħu, jenħtieġ li bl-ebda mod ma jidħol fit-tfassil tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali, la b'mod ġenerali u lanqas fir-rigward tax-xogħol b'ħinijiet iqsar, li jibqa' l-prerogattiva tal-Istati Membri[37,38].

**Separatament mis-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, bħala mutwatarji, huma meħtieġa jiżguraw l-użu xieraq tal-fondi fil-livell nazzjonali, jipprevjenu l-irregolaritajiet u l-frodi, u jirkupraw fondi użati ħażin**. Dan l-obbligu jirriżulta mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament SURE u mill-Artikolu 220(5) tar-Regolament Finanzjarju. B'mod speċifiku, skont il-Ftehim tas-Self, kull Stat Membru li jibbenefika minn SURE jenħtieġ li jivverifika regolarment li l-ammonti meħuda b'self skont il-Faċilità jintużaw f'konformità mar-Regolament SURE, mas-CID u mal-Ftehim tas-Self, u jiżgura li jkunu fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġu evitati l-irregolaritajiet u l-frodi. F'każ ta' użu irregolari jew ħażin tal-ammonti meħuda b'self, l-Istat Membru jenħtieġ li jieħu azzjonijiet legali biex jirkupra tali ammonti. Dan huwa kkomplementat mill-obbligu fuq l-Istat Membru li jinvestiga u jittratta każijiet ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-UE, fir-rigward tal-ġestjoni tas-self.

**L-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar is-sistemi nazzjonali ta' kontroll u ta' awditjar rilevanti għal SURE biex jiżguraw ir-rispett tal-obbligi tagħhom skont il-Ftehim tas-Self.** Għal dak il-għan, il-Kummissjoni wettqet stħarriġ *ad hoc* tal-Istati Membri benefiċjarji fit-18 ta' Jannar 2022. L-Istati Membri kollha wieġbu għal dan il-kwestjonarju. Is-sommarju tar-riżultati kif irrapportati mill-Istati Membri huwa pprovdut fit-Taqsima 5.2.

## *5.2 Ir-riżultati ewlenin mill-kwestjonarju*

### 5.2.1 Istituzzjonijiet responsabbli għall-kontroll u l-awditjar

**L-istruttura istituzzjonali tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll u ta' awditjar tvarja ħafna fost l-Istati Membri.** F'madwar nofs l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet responsabbli għall-kontroll ma humiex responsabbli għall-awditjar. Fin-nofs l-ieħor tal-Istati Membri, ċerti istituzzjonijiet iwettqu kemm il-kontroll kif ukoll l-awditjar, filwaqt li l-istituzzjonijiet l-oħra jwettqu biss kontroll jew awditjar biss. Il-kontrolli spiss isiru mill-Ministeru għax-Xogħol (10 Stati Membri), minn ministeru ieħor (eż. il-Ministeru għall-Finanzi, il-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali, il-Ministeru għall-Familja u l-Politika Soċjali, il-Ministeru għall-Kultura), mis-servizzi pubbliċi

[37] Skont il-Premessa 13 tar-Regolament SURE, meta jiddeċiedi dwar l-ammont ta' self, il-Kunsill jenħtieġ li jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri.
[38] Ara l-paragrafu 17 tar-Report on the comprehensive economic policy response to the COVID-19 pandemic tad-9 ta' April 2020 tal-Grupp tal-Euro.

tal-impjiegi, mill-ispettorati tax-xogħol, mill-fondi ta’ sigurtà soċjali, jew mill-awtoritajiet tat-taxxa (il-Graff 15). L-awditi jitwettqu l-aktar spiss minn korp suprem nazzjonali tal-awditjar jew minn ministeru (eż. il-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għax-Xogħol) (il-Graff 16).

**Graff 15: Istituzzjonijiet responsabbli għall-kontroll** (għadd ta' Stati Membri)




Sors: *Kwestjonarji tal-Istati Membri*

**Graff 16: Istituzzjonijiet responsabbli għall-awditjar**
(għadd ta' Stati Membri)




Sors: *Kwestjonarji tal-Istati Membri*

**Fi kważi l-Istati Membri kollha, l-istituzzjonijiet li jwettqu l-kontroll u l-awditjar tal-miżuri appoġġati minn SURE kienu diġà fis-seħħ qabel il-pandemija tal-COVID-19.** Fi Stat Membru wieħed, ġew stabbiliti istituzzjonijiet ġodda speċifikament għall-miżuri appoġġati minn SURE. F'żewġ Stati Membri, apparti s-sistemi eżistenti, ġew stabbiliti sistemi ġodda ta' awditjar u ta' kontroll għal miżura partikolari jew għal subparti tagħha biss.

5.2.2. Implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll u ta' awditjar

**L-Istati Membri kollha wettqu kontrolli fuq miżuri appoġġati taħt SURE.** L-Istati Membri kollha wettqu, bħala minimu, verifiki amministrattivi/analiżijiet mhux fuq il-post tat-talbiet għal pagament biex jiżguraw li l-fondi ta' SURE intużaw f'konformità mal-għan tagħhom (il-Graff 17). Barra minn hekk, kważi 85 % tal-Istati Membri wettqu kontrolli *ex post* u madwar nofshom għamlu kontrolli fuq il-post biex jipprevjenu l-frodi u l-irregolaritajiet.

**L-Istati Membri kollha vverifikaw li l-kriterji ta' eliġibbiltà ġew issodisfati (il-Graff 18)**. Barra minn hekk, aktar minn tliet kwarti tal-Istati Membri vverifikaw li l-ħaddiema li jibbenefikaw mill-appoġġ inżammu impjegati u li l-appoġġ intuża mill-benefiċjarji għall-għan maħsub.

**Abbażi tar-rispons għall-istħarriġ, l-Istati Membri jeħtieġ li jiċċaraw aktar l-eżistenza u l-ambitu tal-awditjar.** Aktar minn nofs l-Istati Membri rrapportaw li huma awditjaw jew il-proċedura għall-għoti ta' pagamenti u/jew il-benefiċjarji jew wettqu tipi oħra ta' awditjar. Għalkemm l-Istati Membri kollha għandhom kontrolli stabbiliti fuq SURE, Stat Membru wieħed irrapporta li ma sar l-ebda awditu għall-miżuri appoġġati minn SURE. Stat Membru ieħor irrapporta li saru awditi ħlief għal xi miżuri li jirrappreżentaw sehem relattivament żgħir mill-pakkett totali.

**L-Istati Membri kollha wettqu kontrolli u awditi b'mod sistematiku, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ibbażati fuq ir-riskju u/jew kampjunar statistiku**. F'xi każijiet, il-kontrolli kienu

awtomatiċi għall-benefiċjarji kollha permezz ta' sistemi speċifiċi tal-IT. Tmien Stati Membri rrapportaw li wettqu wkoll kontrolli u awditi *ad hoc*.

**Għall-futur, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma jipprevedux kontrolli u awditi għajr dawk li diġà qed jagħmlu jew jimplimentaw**. Żewġ Stati Membri biss qed jippjanaw li jkollhom kontroll u awditi addizzjonali ta' miżuri speċifiċi fit-tieni nofs tal-2022.

**Graff 17: Tip ta' kontrolli u ta' awditi** (għadd ta' Stati Membri)




Sors: *Kwestjonarji tal-Istati Membri*

**Graff 18: L-enfasi tal-kontrolli u/jew tal-awditi** (għadd ta' Stati Membri)




Sors: *Kwestjonarji tal-Istati Membri*

5.2.3. Inċidenza ta' irregolaritajiet jew frodi u r-rispons għalihom

**Fl-Istati Membri kollha għajr wieħed, il-kontrolli u l-awditi identifikaw każijiet ta' irregolaritajiet u frodi.** Barra minn hekk, ġew irrapportati suspetti ta' irregolaritajiet jew frodi lill-awtoritajiet fi kważi l-Istati Membri kollha. Saru investigazzjonijiet f'dawn il-każijiet kollha. Fil-każ ta' irregolaritajiet jew frodi kkonfermati, 13-il Stat Membru ħadu azzjoni legali biex jirkupraw fondi użati ħażin. F'xi Stati Membri, il-fondi ġew irkuprati mingħajr azzjoni legali. Stat Membru wieħed irrapporta li l-irregolaritajiet jew il-frodi identifikati għadhom ma ġewx ikkonfermati.

**L-Istati Membri rrapportaw tipi simili ta' irregolaritajiet jew frodi**. L-aktar irregolaritajiet irrapportati b'mod komuni kienu jikkonċernaw in-nuqqas ta' fatturat jew it-tnaqqis insuffiċjenti fil-fatturat li jkun eliġibbli għall-appoġġ, is-sensja tal-ħaddiema matul il-perjodu tal-wasla tas-sussidji tal-pagi (jew ftit wara), in-nuqqas ta' pagament tas-sehem mis-salarju meħtieġ mill-impjegatur, in-nuqqas li jiġi żborżat l-ammont sħiħ mogħti lill-impjegati, u t-talba għal appoġġ lill-impjegati li rritornaw għax-xogħol u ma kellhomx ostakli biex jaħdmu u għall-impjegati li fil-fatt ħadmu bħas-soltu. F'xi każijiet, id-ditti applikaw għall-appoġġ għar-relazzjonijiet ta' impjieg li ma kinux jeżistu jew użaw appoġġ għall-impjegati li kienu għadhom kemm ġew impjegati minflok għall-impjegati eżistenti. F'każijiet oħra, id-ditti applikaw għal bosta miżuri fl-istess ħin, meta kienu legalment intitolati għal miżura waħda biss. Id-ditti ddikjaraw ukoll b'mod falz it-tip ta' attività li għandha tkun eliġibbli għall-appoġġ.

**L-Istati Membri kollha ddokumentaw il-ħidma tagħhom dwar l-irregolaritajiet jew il-frodi**. L-Istati Membri qed jiddokumentaw l-irregolaritajiet *inter alia* f'rapporti ta' spezzjoni/valutazzjoni, f'noti, f'listi ta' kontroll, fi spreadsheets dettaljati, f'memos, f'fajls tal-fondi jew f'fajls tal-awditjar.

## VI. Obbligi ta' rapportar fl-ambitu tal-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE

**Dan ir-rapport imur lil hinn mill-obbligu ta' rapportar tar-regolament SURE, u jikkonforma wkoll mar-rekwiżit ta' rapportar skont il-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE[39].** Dan tal-aħħar jirrikjedi rapportar dwar l-allokazzjoni tar-rikavati minn SURE, it-tip ta' nefqa u l-impatt ta' SURE.

**Id-diżaggregazzjoni tar-rikavati ta' SURE skont l-Istat Membru benefiċjarju u skont it-tip ta' Nefqa Soċjali Eliġibbli huwa pprovdut fit-Taqsimiet 1.1 u 2.2, rispettivament.** Fi Frar 2022, 95 % tal-EUR 94 biljun allokati kienu ġew żborżati lill-Istati Membri u 98 % minnhom diġà kienu ntnefqu.

**In-nefqa pubblika ta' SURE għadha allinjata tajjeb mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU.** Diżaggregazzjoni tan-nefqa pubblika ta' SURE skont in-nefqa soċjali eliġibbli, kif deskritt fil-Qafas għall-Bonds Soċjali, turi li 95 % jintnefaq fuq it-tnaqqis tar-riskju tal-qgħad u t-telf tal-introjtu. Kif jidher fil-Graff 19, dan jappoġġa l-SDG 8 (Xogħol Deċenti u Tkabbir Ekonomiku). Il-5 % li jifdal jintnefqu fuq miżuri relatati mas-saħħa, li jappoġġa l-SDG 3 (Saħħa Tajba u Benesseri).

**L-impatt ta' SURE huwa rrapportat fit-Taqsima 2.3 u fit-Taqsima 3.** Huma pprovduti stimi tal-għadd ta' persuni u ditti appoġġati minn SURE kemm fl-2020 kif ukoll fl-2021. SURE kkontribwixxa għall-protezzjoni ta' kważi 1,5 miljun impjieg li ġew salvati fl-2020, kif jidher fit-Taqsima 3.1. Kif jidher fit-tieni rapport, huwa stmat li l-Istati Membri ffrankaw EUR 8,2 biljun f'pagamenti tal-imgħax.

---

[39] Il-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE jiddefinixxi standard, li jipprovdi lill-investituri b'assigurazzjonijiet li l-bonds tal-UE maħruġa f'dan il-qafas huma relatati ma' proġetti li jaqdu għan soċjali reali. Għalhekk, il-qafas huwa konformi mal-Prinċipji tal-Bonds Soċjali tal-ICMA.

**Graff 19: Qafas għall-Bonds Soċjali u mmappjar tal-SDGs**



## ANNESS: Aktar dettalji dwar tranżazzjonijiet u żborżi ta' SURE

### Tabella A1: Żborżi lill-Istati Membri permezz ta' SURE (f'biljuni ta' EUR)

| Pajjiż | Total tal-ammont ta' self | L-ewwel ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 20.10.2020 Żborż: 27.10.2020 | | | L-ewwel ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 10.11.2020 Żborż: 17.11.2020 | | | It-3 ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 24.11.2020 Żborż: 01.12.2020 | Ir-raba' ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 26.01.2021 Żborż: 02.02.2021 | | | Il-ħames ħruġ ta' SURE mill-UE Ħruġ: 09.03.2021 Żborż: 16.03.2021 | Is-sitt ħruġ ta' SURE mill-UE Ħruġ: 23.03.2021 Żborż: 30.03.2021 | | | Is-seba' ħruġ ta' SURE mill-UE Ħruġ: 18.05.2021 Żborż: 25.05.2021 | | | Żborż totali | % tat-total mitlub | Maturità medja |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 10 snin | 20 sena | Total | 5 snin | 30 sena | Total | 15-il sena | 7 snin | 30 sena | Total | 15-il sena | 5 snin | 25 sena | Total | 8 snin | 25,6 snin | Total | | | |
| Il-Belġju | 8.2 | | | | | | | **2.0** | 1.3 | 0.7 | **2.0** | | 1.3 | 0.9 | **2.2** | 1.1 | 0.9 | **2.0** | **8.2** | **100.0 %** | **14.7** |
| Il-Bulgarija | 0.5 | | | | | | | | | | | | | | | 0.3 | 0.2 | **0.5** | **0.5** | **100.0 %** | **15.0** |
| Il-Kroazja | 1.0 | | | | 0.3 | 0.2 | **0.5** | | | | | **0.5** | | | | | | | **1.0** | **100.0 %** | **14.3** |
| Ċipru | 0.6 | | | | 0.2 | 0.1 | **0.3** | | 0.2 | 0.1 | **0.2** | | | | | 0.1 | 0.0 | **0.1** | **0.6** | **100.0 %** | **14.7** |
| Iċ-Ċekja | 2.0 | | | | | | | | | | | **1.0** | 1.0 | | **1.0** | | | | **2.0** | **100.0 %** | **10.1** |
| L-Estonja | 0.2 | | | | | | | | | | | | | | | 0.1 | 0.1 | **0.2** | **0.2** | **100.0 %** | **15.0** |
| Il-Greċja | 5.3 | | | | 1.0 | 1.0 | **2.0** | | 0.7 | | **0.7** | | | | | 1.6 | 0.9 | **2.5** | **5.3** | **100.0 %** | **14.5** |
| L-Ungerija | 0.7 | | | | | | | **0.2** | 0.2 | 0.1 | **0.3** | | | | | | | | **0.5** | **77.4 %** | **14.7** |
| L-Irlanda | 2.5 | | | | | | | | | | | | 1.3 | 1.2 | **2.5** | | | | **2.5** | **100.0 %** | **14.7** |
| L-Italja | 27.4 | 5.5 | 4.5 | **10.0** | 3.1 | 3.4 | **6.5** | | 4.5 | | **4.5** | **3.9** | 0.7 | 1.2 | **1.9** | | 0.8 | **0.8** | **27.4** | **100.0 %** | **14.8** |
| Il-Latvja | 0.3 | | | | 0.1 | 0.0 | **0.1** | | 0.0 | 0.0 | **0.1** | | | | | 0.1 | 0.0 | **0.1** | **0.3** | **100.0 %** | **14.6** |
| Il-Litwanja | 1.0 | | | | 0.2 | 0.1 | **0.3** | | | | | **0.3** | | | | 0.2 | 0.2 | **0.4** | **1.0** | **100.0 %** | **14.7** |
| Malta | 0.4 | | | | 0.1 | 0.0 | **0.1** | | | | | **0.1** | | | | 0.1 | 0.1 | **0.2** | **0.4** | **100.0 %** | **14.6** |
| Il-Polonja | 11.2 | 1.0 | 0.0 | **1.0** | | | | | 2.6 | 1.7 | **4.3** | | 1.4 | | **1.4** | 1.1 | 0.5 | **1.6** | **8.2** | **73.3 %** | **13.0** |
| Il-Portugall | 5.9 | | | | | | | **3.0** | | | | | | | | 1.5 | 0.9 | **2.4** | **5.4** | **91.2 %** | **14.6** |
| Ir-Rumanija | 4.1 | | | | | | | **3.0** | | | | | | | | | | | **3.0** | **73.2 %** | **14.6** |

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-Slovakkja | 0.6 | | | | | | | **0.3** | | | | **0.3** | | | | | | | **0.6** | **100.0 %** | **14.9** |
| Is-Slovenja | 1.1 | | | | 0.2 | 0.0 | **0.2** | | 0.5 | 0.4 | **0.9** | | | | | | | | **1.1** | **100.0 %** | **14.8** |
| Spanja | 21.3 | 3.5 | 2.5 | **6.0** | 2.9 | 1.2 | **4.0** | | | 1.0 | **1.0** | **2.9** | 2.4 | 1.7 | **4.1** | 1.9 | 1.4 | **3.4** | **21.3** | **100.0 %** | **14.7** |
| **Total** | **94.4** | 10.0 | 7.0 | **17.0** | 8.0 | 6.0 | **14.0** | **8.5** | 10.0 | 4.0 | **14.0** | **9.0** | 8.0 | 5.0 | **13.0** | 8.1 | 6.0 | **14.1** | **89.6** | **94.9 %** | **14.5** |